

32004D0894

23.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 375/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Diċembru 2004

li tipprovdi għal kummerċjalizzazzjoni temporanja ta' ċertu żrieragħ ta' l-ispeċi *Triticum aestivum*; li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 5028)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/894/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ taċ-ċereali⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-Danimarka l-kwantità ta' żrieragħ ta' varjetajiet ta' qamħ tax-xitwa disponibbli (*Triticum aestivum*) adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi nazzjonali u li jissodisfaw il-kapaċità ta' tniibit meħtieġa mid-Direttiva 66/402/KEE mhumiex biżżejjed u għalhekk mhux adattati li jilhq u l-bżonnijiet ta' l-Istat Membru.
- (2) Mhuwiex possibli li tintlaħaq it-talba għaż-żrieragħ ta' dik l-ispeċi b'mod sodisfaċenti bi żrieragħ minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha stipulati fid-Direttiva 66/402/KEE.
- (3) Għalhekk, id-Danimarka għandha tkun awtorizzata li tippermetti kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ ta' dik l-ispeċi suġġett għal ħtiġijiet anqas restrittivi għal perjodu li jiskadi fit-30 ta' Novembru 2004.
- (4) Minbarra dan, Stati Membri oħra, irrispettivament ta' jekk iż-żrieragħ kinux maħsuda fi Stat Membru jew f'pajjiż terz koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza ta' spezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'pajjiżi terzi⁽²⁾ dwar l-uċuh tar-raba' li jipproduċu ż-żrieragħ u l-ekwivalenza ta' żrieragħ prodotti f'pajjiżi terzi li qegħdin fil-qagħda li jipprovdu lid-Danimarka bi żrieragħ ta' dik is-speċi, għandhom ikunu awtorizzati li jikkummerċjalizzaw din l-ispeċi ta' żrieragħ.

(5) Huwa xieraq li d-Danimarka topera bħala koordinatur sabiex tiżgura li l-ammont totali ta' żrieragħ awtorizzati in segwitu għal din id-Deċiżjoni ma jaqbżux il-kwantità massima koperta minn din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar żrieragħ u Materjali ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Agrikoltura Forestali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kummerċjalizzazzjoni fil-Komunità ta' żrieragħ tal-qamħ tax-xitwa li ma tissodisfawx il-minimu tal-kapaċità ta' tniibit meħtieġa, għal perjodu li jiskadi fit-30 ta' Novembru 2004, bi qbil mat-termini stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u suġġetta għal kundizzjonijiet li ġejjin:

- a) il-kapaċità ta' tniibit hija ta' l-anqas 75 % ta' żrieragħ puri,
- b) it-tikketta uffiċjali tindika t-tniibit determinat fit-twettiq ta' l-eżami uffiċjali in segwitu għall-Artikoli 2(1)(F)(d) u 2(1)(G)(d) tad-Direttiva 66/402/KEE.
- c) iż-żrieragħ kellhom l-ewwel jitqegħdu fis-suq bi qbil ma' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kull fornitur ta' żrieragħ li jixtieq iqiegħed fis-suq iż-żrieragħ imsemmija fl-Artikolu 1 għandu japplika ma' l-Istat Membru li fih huwa stabbilit.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jawtorizza lill-fornitur sabiex ipoġġi dawk iż-żrieragħ fuq is-suq sakemm:

- a) ikun hemm evidenza biżżejjed biex tiddubita jekk il-fornitur huwiex kapaċi jpoġġi fuq is-suq l-ammont ta' żrieragħ li applika għall-awtorizzazzjoni tiegħu; jew
- b) il-kwantità totali awtorizzata li għandha tiġi kkomercjalizzata in segwitu għad-deroga kkonċernata taqbeż il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

⁽²⁾ ĠU L 8, ta' l-14.1.2003, p. 10. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/403/KE (ĠU L 141, tas-7.6.2003 p. 23).

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin amministrattivament fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Id-Danimarka għandha topera bħala l-Istat Membru li jikkoordina biex jiżgura li l-ammont totali awtorizzat ma jaqbiżx il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Kull Stat Membru li jirċievi applikazzjoni skond l-Artikolu 2 għandu mal-ewwel jinnotifika l-ammont kopert mill-applikazzjoni lill-Istat Membru li qed jikkoordina. L-Istat Membru li qed jikkoordina għandu mal-ewwel jinforma lill-Istat Membru li qed jinnotifika jekk l-awtorizzazzjoni tirriżultax fil-qbiż tal-kwantità massima.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom mill-ewwel jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-kwantitajiet li awtorizzaw il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom in segwitu għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Diċembru 2004

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

 ANNESS

Speċi	Tip ta' varjetà	Kwantità massima (tunnellati)
<i>Triticum aestivum</i>	Abika, Bill, Elvis, Globus, Grommit, Hatrick, Opus, Robigus, Senat, Smuggler, Solist, Tulsa, Tritex	45 000